MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Numru. 492/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Anna Marie Micallef**

**vs**

**Ronald Gatt**
**Manuel Schembri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Ronald Gatt ta’ 32 sena, bin Henry u Mary nee’ Gilford, mwieled l-Pieta’ nhar it-28 t’Awwissu 1978 u residenti 5, Triq il-Portu Salvu, Isla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 411078(M) u l-imputat Manuel Schembri ta’ 24 sena, bin Carmelo u Maria Concetta nee’ Calleja, imwieled l-Pieta’ nhar is-7 ta’ Mejju 1986 u residenti 132, Triq is-Sur, Isla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 218386(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

B’diversi atti maghmula minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ;

Nhar is-6 t’April ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofs inhar (15 :00hrs) fi Triq ix-Xatt, Sliema, ikkommettew serq minn gewwa vettura bin-numru NIX 999 ta’ l-ghamla Peugeot 206, li sar ghad-detriment ta’ Nicholas Cassar, liema serq huwa kkwalifikat, bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommettew serq semplici ta’ baskett ghad-detriment ta’ Georg Schneider ta’ nazzjonalita Daniza ;

Lil Ronald Gatt wahdu talli ghal dawn l-ahhar xhur, f’dawn il-Gzejjer ;

Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi Awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz u cioe billi ghamel uzu minn numru ta’ registrazzjoni LAF 894 fuq vettura ta’ l-ghamla Subaru J10 li n-numru tar-registrazzjoni originali taghha huwa CAO 917 ;

Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat u cioe billi ghamel uzu minn numru tar-registrazzjoni LAF 894 fuq vettura ta’ l-ghamla Subaru J10 li n-numru tar-registrazzjoni originali taghha huma CAO 917 ;

Nhar is-6 t’April 2011, ghall-habta tal-hamsa ta’ wara nofs inhar, f’dawn il-Gzejjer u cioe fi Triq ix-Xatt, Gzira u fil-granet ta’ qabel

Saq vettura ta’ l-ghamla Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni LAF 894 minghajr ma kienet licenzjata mill-

Awtorita' dwar t-Transport ta' Malta biex tintuza fit-triq (Licenzja mhux renovata) ;

Saq vettura ta' l-ghamla Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni LAF 89, minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar r-riskji tat-terzi persuni ;

Ronald Gatt qieghed jigi akkuzat bi ksur tal-probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberatu bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 t'April 2011 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-7 t'April 2011 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz de quo jirrigwardaw serq ta' baskett u zewg mobile phones mix-Xatt ta' tas-Sliema liema serq sehh fis-6 t'April, 2011 ghall-habta tat-3.00pm u sar ghad-detriment ta' Georg Schneider u Nicholas Cassar rispettivament. Mill-provi, senjatament mix-xhieda ta' PS 1354 Claudio Coppola rrizulta li fl-imsemmija data ghall-habta tas-2.00pm fl-Ghassa ta' Tas-Sliema dahal rapport li zewgt irgiel suspettuzi, wiehed liebes flokk ahmar u l-iehor liebes flokk blu, kienu qed iduru mal-karorzzi parkeggjati. PS 1354 nizel immedjatament ix-Xatt ta tas-Sliema u hdejn il-lukanda Fortina lemah liz-zewg imputati li kienu jaqblu perfettament mad-deskrizzjoni moghtija lil

Pulizija fir-rapport li kien sar. L-imputati qalu lis-Surgent li kienu hemm qed ifittxu xoghol u qalu li kienu waslu bil-karozza tal-linja u meta saret tfitxija fuq il-persuna taghhom instab set cwievet fil-but tal-imputat Ronald Gatt u dan qal li dawn ic-cwievet kienu ta' vettura li giet skreppjata u wara li s-Surgent iverifika li l-vettura lilu ndikata minn Gatt effettivament kienet giet skreppjata u peress li ma kien sab xejn aktar fuq il-persuna taz-zewg imputati huma gew rilaxxjati. Xi ftit tal-hin wara, ghall-habta tal-5.00pm, l-istess Surgent kien ghaddej mill-Msida u nnota liz-zewg imputati ghaddejjin f'vettura tal-marka Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni LAF 894 fejn l-imputat Gatt kien qed isuq l-imsemmija vettura u peress li ftit tas-sighat qabel huma kienu indikawlu li ma kellhomx vettura huwa waqqafhom u meta saret tfittxija fil-vettura rrizulta li kien hemm zewg mobile phones u baskett iswed. Irrizulta inoltre li l-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni li kien hemm fuq il-vettura ma kienux jappartjenu lil vettura tal-marka Subaru J10 izda lil vettura tal-marka Kia Pride li kienet registrata f'isem l-imputat Ronald Gatt. Meta z-zewg imputati ttiehdu l-Ghassa ta' Tas-Sliema kien hemm persuna ta' nazzjonalita' Daniza, certu Georg Schneider[1], li kien qed jirraporta[2] li aktar kmieni wara nofsinhar waqt li kien bilqieghda fuq bank ix-Xatt ta' tas-Sliema qed jaqra ktieb insteraqlu baskett iswed li kien pogga taht il-bank u li kien fih elf u tlett mitt Danish Crona li huma l-ekwivalenti ta' mitejn Ewro (200), xi kotba u xi dokumenti personali. Huwa identifika l-baskett bhala dak li kien ghadu kif instab fil-vettura taz-zewg imputati. Fil-baskett instabu l-oggetti kollha li indika Schneider hlief il-flus. Sa dak il-hin ma kienx ghadu dahal rapport rigward iz-zewg mobile phones li nstabu fil-vettura tal-imputati izda l-Pulizija ivverifikat li dawn kienu jappartjenu lil certu Nicholas Cassar[3] li sussegwentement irraporta[4] li dawn il-mobile phones kienu nsterqu mill-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni NIX 999 waqt li din il-vettura kienet parkeggjata bit-tieqa miftuha quddiem il-Burger King sakemm sidha ghamel delivery.

---

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 t'April, 2011
[2] Rapport relattiv inserit a fol. 35 sa 38 tal-atti processwali.
[3] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta' Gunju, 2011.
[4] Rapport relattiv inserit a fol. 31 sa 34 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat :

Illi z-zewg imputati t-tnejn irrilaxxjaw stqarrija[5] fejn huma qalu li wara li hargu mid-Detox kellhom jiltaqghu ma' Taljan tas-Sliema sabiex jaghtihom xoghol u waqt li kienu ghaddejjin mix-Xatt ta tas-Sliema wara li pparkeggjaw il-vettura raw baskett taht bank bin-nies faccata tieghu qed iharsu lejn il-bahar u huma qabdu u haduh u tefghuh fil-vettura taghhom. Huma qalu wkoll li ftit tal-hin wara raw vettura double parked quddiem il-Burger King bic-cwievet fiha u raw zewg mobile phones fiha u huma qabdu u haduhom. Iz-zewg imputati innegaw li kienu hadu l-flus kontanti li Georg Schneider qal li kienu fil-baskett, izda qalu li kien hemm xi muniti li ramewhom fil-bahar. L-imputat Ronald Gatt ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri filwaqt li l-imputat Manuel Schembri xehed waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru, 2011 u qal li kien ghaddej wahdu minn tas-Sliema u ra baskett abbandunat u hadu. Huwa qal li meta fetah il-baskett kien hemm pakkett tabakk u pakket sigaretti, xi kotba u xi coins ta' valuta barranija u xejn aktar.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta wkoll[6] li n-numru tar-registrazzjoni CAO 917 jappartjeni lil vettura tal-marka Subaru J10 ta' kulur ahmar u hija registrata f'isem l-imputat Ronald Gatt filwaqt li n-numru tar-registrazzjoni LAF 894 jappartjeni lil vettura tal-marka KIA Pride li hija wkoll registrata f'isem l-imputat Ronald Gatt. Rigward il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 894 il-licenzja tat-triq skadiet fil-31 ta' Marzu, 2011 u ma regghatx thallset filwaqt li l-licenzja fuq il-vettura LAF 894 skadiet fil-31 ta' Dicembru, 2009 u baqghet ma regghatx thallset.

Ikkunsidrat :

[5] Stqarrijiet relattivi nseriti a fol. 43 sa 46.
[6] Ara xhieda ta' Stephen Cachia rapprezentant tat-Transport Malta li xehed waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2011.

Illi permezz tal-ewwel zewg imputazzjonijiet l-imputati jinsabu addebitati bir-reati ta' serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa (l-ewwel imputazzjoni) u b'serq semplici (it-tieni imputazzjoni). Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz dawn iz-zewg imputazzjonijiet jirrizultaw ampjament pruvati. Irrizulta fil-fatt li z-zewg imputati instabu fil-pussess kemm taz-zewg mobile phones li nsterqu mill-vettura ta' Nicholas Cassar kif ukoll tal-baskett li nsteraq minn taht il-bank fejn kien qieghed bil-qieghda Georg Scneider. Irrizulta inoltre li fil-hin li nsterqu dawn l-oggetti l-imputati kienu qeghdin fil-post minn fejn insterqu dawn l-oggetti u fil-fatt il-Pulizija rceviet rapport li kien hemm tnejn min-nies suspettuzi qed iduru mal-vettura u l-Pulizija qabduhom u waqfuhom fl-imsemmi post. Abbazi tat-teorija ta' recent possession, il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz jirrizulta pruvat lil-hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati serqu kemm il-baskett li nstab fil-pussess taghhom kif ukoll iz-zewg mobile phones li wkoll instabu fil-pussess taghhom. Il-Qorti tirrileva li l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat Manuel Schembri dwar il-baskett fejn huwa jghid li hadu ghaliex haseb li kien abbandunat hija ghal kollox inverosimili u ma tistghax titwemmen ghaliex apparti l-fatt li mill-provi rrizulta li Schneider kien pogga il-baskett taht il-bank li kien bilqieghda fuqu u ghalhekk ma kienx abbandunat, mill-istqarrija tal-istess imputat jirrizulta li huwa qal li ha l-baskett u ma semma xejn dwar il-fatt li haseb li dan il-baskett kien abbandunat.

Ikkunsidrat:

L-imputat Ronald Gatt wahdu jinsab ukoll akkuzat bir-reat ta' dikjarazzjoni jew taghrif falz kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali. Din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex mill-provi hareg car li huwa kien qed jutilizza number plates fuq vettura liema number plates kienu jappartjenu ghal vettura ohra u huwa inoltre ta taghrif falz lil PS 1354 Claudio Coppola meta huwa qallu li c-cwievet li kellu fil-pussess tieghu kienu jappartjenu lil vettura li giet skreppjata. It-tieni imputazzjoni (2) moghtija fil-konfronti tal-imputat Ronald Gatt wahdu, u cioe' li huwa ghamel uzu minn dokument

iffalsifikat inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u una volta li huwa qed jinstab hati ta’ din l-imputazzjoni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) mputazzjoni. Mix-xhieda ta’ Stephen Cachia, ir-rapprezentant tal-Awtorita’ tat-Trasport, inoltre jirrizulta li l-imputat Ronald Gatt ma rrinovax il-licenzja tat-triq ghall-vettura tal-marka Subaru bin-numru tar-registrazzjoni LAF 894 u kwindi isegwi li huwa ma kienx kopert b’polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni. Huwa inoltre ma gabx il-prova li tindika li huwa effetivament kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni kif jirrikjedi l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Mill-provi inoltre rrizulta li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ sentenza tas-16 ta’ Marzu, 2011 fejn huwa gie mpoggi taht Ordni ta’ Probation ghall-perijodu ta’ sentejn.

Ikkunsidrat :

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Manuel Schembri, l-Qorti kkunsidrat li huwa first time offender u ghalhekk ser tapplika l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tieghu. In kwantu jirrigwarda l-imputat Ronald Gatt, il-Qorti kkunsidrat il-fatt li anqas minn xahar qabel ma kkommetta r-reati li huwa qed jinstab hati taghhom permezz ta’ din is-sentenza huwa kien inghata l-oportunita li jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba izda nonostante cio’ huwa naqas milli juzufruwixxi minn din l-opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u l-Qorti jidhrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 20, 261, 267, 271, 284, 285, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Manuel Schembri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax(12)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum.

Wara li rat l-Artikoli 17, 20, 261, 267, 271, 284, 285, 279, 280 u 188 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 3(1), (1A),

(2)(a), u (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat Ronald Gatt hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghall-imputazzjoni rigwardanti l-uzu ta’ dokument falz li l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha ghar-ragunijiet indikati aktar il-fuq, u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija. Il-Qorti inoltre tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien tnax(12)-il xahar li jibdew jiddekorru minn meta l-imputat jispicca jiskonta l-piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------